MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 365/2014

**Mirage Holding Ltd. C6808**

***kontra***

**Annalise Bone**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-29 ta` April 2014 li jaqra :-

*1. Illi l-intimata ghandha taghti lis-socjeta` attrici l-ammont komplessiv ta` €13,178 (tlettax-il elf mija u tmienja u sebghin euro), kwantu ghal €10,282 (ghaxart elef, mitejn u tnejn u tmenin euro) prezz ta` merkanzija lilha mibjugha u konsenjata, kwantu ghal €2,896 (elfejn tmien mija u sitta u disghin euro) bhala nteressi relattivi.*

*2. Illi l-intimat interpellat biex thallas din l-ammont baqghet inadempjenti.*

*Tghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet m`ghandhiex tigi kkundannata minn din il-Qorti li thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont komplessiv ta` €13,178 (tlettax-il elf, mija u tmienja u sebghin euro), kwantu ghal €10,282 (ghaxart elef, mitejn u tnejn u tmenin euro) prezz ta` merkanzija lilha mibjugha u konsenjata), kwantu ghal €2,896 (elfejn, tmien mija u sittin u disghin euro) bhala nteressi relattivi.*

*Bl-ispejjez u bl-interessi ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienu ndikati mill-kumpannija attrici.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta` Mejju 2014 fejn ordnat in-notifika tar-rikors guramentat lill-konvenuta, taghtha zmien ghoxrin (20) jum biex tipprezenta risposta guramentata, u appuntat il-kawza ghas-smigh ghal nhar il-Hamis 19 ta` Gunju 2014 fid-9.00 a.m.

Rat illi l-konvenuta kienet debitament notifikata skond il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat illi l-konvenuta ma pprezentatx risposta guramentata.

Rat illi l-konvenuta, ghalkemm issejhet fl-udjenzi ta` wara n-notifika taghha, baqghet ma dehritx.

Semghet ix-xiehda ta` Luciano Martinelli fl-udjenza tal-24 ta` Novembru 2014 u rat id-dokumenti li pprezenta bhala prova.

Semghet lir-rapprezentant tas-socjeta` attrici, wara li xehed Luciano Martinelli, jiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Fid-deposizzjoni tieghu, Luciano Martinelli bhala rapprezentant tas-socjeta` attrici xehed illi wara l-presentata tar-rikors guramentat, il-konvenuta ghamlet tliet pagamenti ta` mija u hamsin Ewro (€150) kull wiehed b`mod illi l-kreditu tas-socjeta` attrici nizel minn €13,178 ghal €12,728. Ipprezenta d-dokumenti gustifikattivi tal-pretensjoni attrici.

**Ikkunsidrat :**

Billi l-merkanzija konsenjata lill-konvenuta hija ben dokumentata fl-inkartament li ressaq bhala prova r-rapprezentant tas-socjeta` attrici.

Billi d-dokumenti esebiti juru wkoll kull pagament li sar mill-konvenuta sabiex taqta` mill-ammont li ghandha taghti lis-socjeta` attrici.

Billi ghalkemm il-kontumacja titqies mhux bhala ammissjoni izda bhala kontestazzjoni tat-talba attrici, fl-istess waqt l-ammont pretiz bhala dovut lis-socjeta` attrici mhux biss huwa konfermat bil-gurament izda huwa dokumentat.

Billi l-ammont ridott wara l-hlas li sar fil-mori tal-kawza, mhuwiex kontradett mill-konvenuta u jirrizulta ppruvat.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, fil-kontumacja tal-konvenuta, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta` tnax-il elf seba` mija tmienja u ghoxrin Ewro (€12,728), bilanc minn somma akbar, prezz ta` merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata, bl-imghax ulterjuri kif mitlub. Tordna lill-konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------